



Dokument ta' sessjoni

A9-0342/2021

9.12.2021

RAPPORT

dwar ir-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2020
(2021/2167(INI))

Kumitat għall-Petizzjonijiet

Rapporteur: Eleonora Evi

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	15
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	19
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	20

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2020 (2021/2167(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2020,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 15, 24(3), 228 u 298(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 11, 41, 42 u 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"),
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-tweqqif tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom¹,
 - wara li kkunsidra l-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba adottat mill-Parlament fis-6 ta' Settembru 2001,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar il-Kooperazzjoni konkluż bejn il-Parlament u l-Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Marzu 2006, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 54 u 142(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A9-0342/2021),
- A. billi r-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman fis-sena 2020 ġie ppreżentat uffiċjalment lill-President tal-Parlament Ewropew fis-6 ta' Settembru 2021 u billi l-Ombudsman, Emily O'Reilly, ippreżentat ir-rapport tagħha lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-14 ta' Lulju 2021 fi Brussell;
- B. billi l-Artikoli 20, 24 u 228 tat-TFUE u l-Artikolu 43 tal-Karta jagħtu s-setgħa lill-Ombudsman Ewropew li tilqa' lmenti li jikkonċernaw każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, bl-

¹ ĠU L 253, 16.7.2021, p. 1.

eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha;

- C. billi l-Artikolu 10(3) tat-TUE jstabilixxi li "kull ċittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni" u li "[d]-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadin";
- D. billi l-Artikolu 15 tat-TFUE jstipula li "sabiex tiġi promossa t-tmexxija tajba u sabiex tiġi assigurata l-parteciċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ" u "kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandha jkollha d-dritt għall-aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni"; billi l-iżgurar li ċ-ċittadini tal-UE jirċievu servizzi ta' kwalità għolja u li l-amministrazzjoni tal-UE tirrispondi għall-bżonnijiet u l-preokkupazzjonijiet tagħhom huwa essenzjali sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini.
- E. billi l-Artikolu 41 tal-Karta, relatat mad-dritt għal amministrazzjoni tajba, jstipula fost l-oħrajn li "kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi trattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni";
- F. billi l-Artikolu 43 tal-Karta jstipula li "kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru għandu d-dritt li jirrikorri għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-aġenziji tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha";
- G. billi l-Artikolu 298(1) tat-TFUE jstabilixxi li "fit-tweġġiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti";
- H. billi fl-2020 l-Ombudsman feġġet 370 inkjesta, li minnhom 365 kienu bbażati fuq ilmenti u 5 kienu inkjesti fuq inizjattiva proprja, filwaqt li għalqet 394 inkjesta (392 ibbażati fuq ilmenti u 2 inkjesti fuq inizjattiva proprja); billi ħafna mill-inkjesti kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni (210 inkjesta jew 56.8 %), segwiti mill-aġenziji tal-UE (34 inkjesta jew 9.2 %), l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) (30 inkjesta jew 8.1 %), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (14-il inkjesta jew 3.8 %), l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (12-il inkjesta jew 3.2 %), il-Parlament (11-il inkjesta jew 3 %), il-Bank Ċentrali Ewropew (9 inkjesti jew 2.4 %), il-Bank Ewropew tal-Investiment (9 inkjesti jew 2.4 %), u istituzzjonijiet oħra (41 inkjesta jew 11.1 %);
- I. billi t-tliet punti ta' tħassib ewlenin fl-inkjesti magħluqa mill-Ombudsman fl-2020 kienu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont (l-aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti) (25 %), il-kultura tas-servizz (24 %) u l-użu xieraq tas-setgħat diskrezzjonali, inkluż fil-proċeduri ta' ksur (17 %); billi tħassib ieħor jinkludi kwistjonijiet etiċi fl-amministrazzjoni tal-UE, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-ġestjoni finanzjarja tajba, l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, ir-rispett għad-drittijiet proċedurali, ir-

reklutaġġ u l-ġestjoni tajba tal-kwistjonijiet tal-persunal tal-UE;

- J. billi l-Ombudsman għandha rwol ewleni fl-iżgurar tat-trasparenza sħiħa, tar-responsabbiltà demokratika u tal-integrità tal-proċessi deċiżjonali tal-UE;
- K. billi l-prijorità ewlenija tal-Ombudsman hija li tiżgura li d-drittijiet taċ-ċittadini jiġu rispettati bis-sħiħ u li d-dritt għal amministrazzjoni tajba tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, tal-uffiċċji jew tal-aġenziji tal-UE jirrifletti l-ogħla standards;
- L. billi l-Ombudsman wettqet ammont konsiderevoli ta' xogħol, wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, biex tiżgura li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jikkonformaw mal-ogħla standards ta' amministrazzjoni tajba sabiex jiproteġu d-drittijiet taċ-ċittadini u jtejbu l-fiduċja pubblika;
- M. billi l-Ombudsman eżaminat il-ħidma tal-Kummissjoni matul il-kriżi tal-COVID-19 u talbet informazzjoni, fost l-oħrajn, dwar it-trasparenza tal-interazzjoni tal-Kummissjoni mar-rappreżentanti ta' interess, dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha relatati mal-akkwist pubbliku ta' emerġenza u dwar it-trasparenza u l-indipendenza tal-parir xjentifiku dwar il-pandemija;
- N. billi wara inkjesta dwar il-prestazzjoni taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) matul il-kriżi tal-COVID-19, l-Ombudsman sabet lakuni fil-prattiki tat-trasparenza tal-ECDC, inkluż dwar id-data sottostanti għall-valutazzjonijiet tar-riskju u l-interazzjonijiet tiegħu ma' sħab internazzjonali, u għamlet proposti li għandhom l-għan li jtejbu l-iskrutinju pubbliku tal-attivitajiet tal-ECDC relatati mal-vaċċini tal-COVID-19;
- O. billi l-pubbliċità u t-trasparenza huma l-prinċipji ewlenin li fuqhom huwa bbażat il-proċess leġiżlattiv tal-UE, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-QĠUE, li pprovdiet gwida legali ċara dwar il-mod kif jiġi żgurat ir-rispett sħiħ u konsistenti tagħhom; billi l-QĠUE ddikjarat li n-nuqqas ta' trasparenza u informazzjoni jdghajjed il-fiduċja taċ-ċittadini fil-leġittimità tal-proċess leġiżlattiv tal-UE kollu kemm hu; billi, għall-kuntrarju ta' dawn il-prinċipji, il-Kummissjoni ma kinitx trasparenti fin-negozjar, ix-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19;
- P. billi d-dritt li ċ-ċittadini tal-UE jkunu infurmati u l-obbligu tal-istituzzjonijiet tal-UE li jiżguraw trasparenza sħiħa, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-kuntratti tal-vaċċini kontra l-COVID-19 bejn l-istituzzjoni tal-UE u l-kumpaniji farmaċewtiċi, jipprevalu fuq kwalunkwe dritt allegat tal-kumpaniji farmaċewtiċi jew tal-istituzzjoni tal-UE li jaħbu jew li ma jiżvelawx kompletament kwalunkwe informazzjoni jew xi informazzjoni relatata ma' dawn il-kuntratti jew vaċċini kontra l-COVID-19;
- Q. billi l-UE ppjanat perjodu ta' livelli bla preċedent ta' nfiq u investiment fl-ambitu tan-Next Generation EU, li se johlq ukoll rabtiet sinifikanti mas-settur privat, u għalhekk jagħmilha aktar kruċjali li l-istituzzjonijiet tal-UE jkollhom proċess deċiżjonali bbażat fuq trasparenza sħiħa u fuq l-aktar regoli etiċi stretti sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess u l-każijiet ta' korruzzjoni;
- R. billi l-Kunsill ma segwiex ir-rakkomandazzjonijiet finali tal-Ombudsman, u rrifjuta l-aċċess pubbliku u f'waqtu għal dokumenti leġiżlattivi dwar l-adozzjoni tar-regolamenti

annwali li jistabbilixxu l-kwoti tas-sajd, li kien fihom informazzjoni ambjentali fundamentali skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus, u b'hekk immina t-trasparenza tal-proċess deċiżjonali tiegħu; billi l-Ombudsman qieset li d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet tikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina, filwaqt li saħqet li għadu qed mhux qed jifhem bis-sħiħ ir-rabta kritika bejn id-demokrazija u t-trasparenza tal-proċess deċiżjonali;

- S. billi l-Ombudsman nediet inkjesta dwar ir-rifjut mill-Kunsill li jindirizza l-kwistjoni ta' sponsorizzazzjonijiet korporattivi tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE; billi l-Ombudsman ikkonstatat li kien hemm amministrazzjoni ħażina meta l-Kunsill naqqas li jieħu azzjoni biex jelimina r-riskji għar-reputazzjoni li tali sponsorizzazzjonijiet kummerċjali jistgħu jgħolqu għall-imparzjalità tal-Presidenza tiegħu u għall-immagna tal-UE kollha kemm hi;
- T. billi l-Ombudsman qajmet tħassib dwar il-prattiki attwali tal-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-"sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi u dwar il-fatt li, skont is-sistema tal-Kummissjoni għall-verifika tal-kunflitti ta' interess, esperti xjentifiċi esterni li jagħtu dawn il-pariri ma għandhomx għalfejn jiddikjaraw interessi finanzjarji taħt il-limitu ta' EUR 10 000;
- U. billi l-Ombudsman ikkonstatat li l-Kummissjoni kellha twettaq skrutinju aktar kritiku tar-riskji kollha ta' kunflitti ta' interess qabel ma tat kuntratt għat-twettiq ta' studju dwar l-integrazzjoni tal-oġettivi ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) fir-regoli bankarji tal-UE lill-BlackRock Investment Management, kumpanija li tiġġestixxi investimenti fis-setturi tal-fjuwils fossili u dawk bankarji, li huma oqsma li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli l-ġodda dwar l-ESG; billi l-Ombudsman issottolinjat li r-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku mhumiex robusti u ċari biżżejjed biex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess;
- V. billi l-eks Viċi President tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) irriżenja mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI f'Novembru 2020 u wara inqas minn tliet xhur inġatar fil-bord ta' tmexxija ta' Iberdrola, kumpanija multinazzjonali Spanjola li tipprovdi servizzi pubbliċi; billi l-eks Viċi President tal-BEI kien inkarigat mis-sorveljanza tal-operazzjonijiet ta' self tal-BEI fi Spanja, inkluża Iberdrola; billi mill-2019 'l quddiem Iberdrola bbenefikat minn self massiv b'valur totali ta' EUR 1,39 biljun, li jagħmilha wieħed mill-klijenti ewlenin tal-BEI f'dawn l-aħħar snin; billi dan il-każ juri l-prattika kontroversjali mhux solvuta tal-BEI li tippermetti lill-Viċi Presidenti tiegħu, nominati mill-Istati Membri, li jkunu inkarigati mis-sorveljanza tas-self tal-BEI fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, u b'hekk jinħolqu ir-riskju ta' kunflitti ta' interess;
- W. billi skont l-Ombudsman, in-nuqqas tal-Kummissjoni li tiffinalizza "valutazzjoni tal-impatt għas-sostenibilità" (VIS) qabel ma tikkonkludi n-negozjati dwar ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina; billi l-konstatazzjonijiet tal-Ombudsman issottolinjaw l-fatt li l-Kummissjoni kienet injorat il-linji gwida tagħha stess dwar l-użu tal-VIS qabel il-konklużjoni tal-ftehim kummerċjali;
- X. billi l-Ombudsman ikkonstatat elementi ta' amministrazzjoni ħażina meta l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) iddeċidiet li tapprova l-bidla fl-impjeg tad-Direttur Eżekuttiv tagħha ta' dak iż-żmien, li issa sar Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) tal-Assoċjazzjoni għas-

Swieq Finanzjarji fl-Ewropa (AFME), organizzazzjoni ta' lobbjar għall-industrija finanzjarja, u meta din naqset milli timmitiga r-riskji ta' kunflitti ta' interess, kif ukoll meta kompliet tagħtih aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali; billi l-EBA bdiet timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman, u dan ippermetta l-Ombudsman tagħlaq il-każ;

- Y. billi l-istrateġija tal-Kummissjoni fit-trattament tal-petizzjonijiet tirreferi għall-Komunikazzjoni tagħha tal-2016 bit-titlu "Id-dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar", li r-regoli tagħha ma jstabilixxu l-ebda proċedura jew prattika amministrattiva dwar il-petizzjonijiet; billi l-approċċ tal-Kummissjoni, li jirriżulta fir-rifjut sistematiku tagħha li tiegħu azzjoni dwar kwistjonijiet individwali ta' petizzjoni u dwar petizzjonijiet li jikkonċernaw oqsma li jidħlu fl-ambitu tal-Artikolu 6 tat-TFUE imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 227 tat-TFUE u qed joħloq frustrazzjoni u diżappunt fost iċ-ċittadini, filwaqt li fl-istess ħin qed jimmina l-possibbiltà li jiġu identifikati nuqqasijiet sistematichi li jirrigwardaw id-dritt tal-UE fi ħdan l-Istati Membri;
 - Z. billi ħafna petizzjonijiet li rċieva l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma relatati man-nuqqas ta' trasparenza tal-Kummissjoni u jitolbu li jiġu ppubblikati d-dettalji sħaħ tal-kuntratti tal-vaċċini tal-COVID-19 iffirmati bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija farmaċewtika, kif ukoll id-data dwar il-provi klinichi fil-livell tal-pazjenti;
 - AA. billi l-uffiċċju tal-Ombudsman jikkostitwixxi mekkaniżmu ta' rimedju għaċ-ċittadini li qed jiffaċċjaw problemi biex jiksbu aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE; billi għadd sinifikanti tal-inkjesti tal-Ombudsman fl-2020 irriżulta fl-għoti ta' aċċess għal dokumenti ta' interess pubbliku usa', minkejja l-fatt li l-leġislazzjoni applikabbli tal-UE hija strutturalment inadegwata, peress li mhijiex aġġornata u ma għadhiex tirrifletti l-prattiki attwali adottati mill-istituzzjonijiet tal-UE;
 - AB. billi l-Ombudsman stabbiliet sett ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jippromwovu implimentazzjoni aħjar u aktar konsistenti tal-Konvenzjoni tal-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD) fi ħdan l-amministrazzjoni ġenerali tal-UE u niedet inizjattiva strateġika dwar il-mod kif il-Kummissjoni akkomodat il-ħtiġijiet speċjali tal-membri tal-persunal b'diżabilità fil-kuntest tal-emerġenza tal-COVID-19;
 - AC. billi l-Ombudsman nediet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni tiżgura li l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) mill-Ungerija u l-Portugall għal faċilitajiet ta' kura għall-persuni b'diżabilità jkun konformi mal-obbligi ġuridichi li jirriżultaw mill-Karta, ir-Regolament dwar il-Fondi SIE u l-UNCPRD
1. Japprova r-rapport annwali għall-2020 ippreżentat mill-Ombudsman Ewropew, u jfaħħar il-preżentazzjoni eċċellenti tagħha dwar l-aktar fatti u ċifri importanti rigward il-ħidma tal-Ombudsman fl-2020;
 2. Jifraħ lil Emily O'Reilly dwar il-ħidma notevoli tagħha biex ittejjeb il-ftuħ, l-obbligu ta' rendikont u l-integrità tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, u b'hekk tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, b'mod partikolari f'sena traġika kkaratterizzata mill-konsegwenzi devastanti tat-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19; ifakkar li t-trasparenza hija minquxa fl-istat tad-dritt u tirrappreżenta prinċipju ewlieni ta' demokrazija parteċipattiva;

3. Ifakkar li l-Ombudsman tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet, proposti għal soluzzjonijiet u suġġerimenti għal titjib bil-ħsieb li tissolva problema dwar każijiet differenti ta' amministrazzjoni ħażina; jinnota li meta lment ma jkunx jidħol fl-ambitu tal-mandat tal-Ombudsman, l-Ombudsman tista' tagħti l-parir lill-ilmentatur biex iressqu quddiem awtorità oħra jew lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jinnota li fl-2020, l-Ombudsman irċeviet aktar minn 1 400 ilment li ma kinux jidħlu fl-ambitu tal-mandat tagħha, prinċipalment minħabba li ma kinux jikkonċernaw attivitajiet relatati mal-amministrazzjoni tal-UE;
4. Jifraħ lill-Ombudsman talli timmonitorja kif l-istituzzjonijiet tal-UE tal-ewwel linja qed iwettqu x-xogħol tagħhom waqt il-pandemija u talli ssottolinjat l-obbligu tagħhom li jkunu trasparenti; jilqa' l-mistoqsija indirizzata mill-Ombudsman lill-Kummissjoni dwar it-trasparenza tal-pariri xjentifiċi li hija tirċievi, il-laqgħat tagħha mar-rappreżentanti ta' interessi u d-deċiżjonijiet tagħha relatati mal-akkwist pubbliku ta' emerġenza;
5. Jesprimi l-apprezzament tiegħu tal-Ombudsman għall-kooperazzjoni kostruttiva tagħha mal-Parlament, b'mod partikolari mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, u ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE; ifaħħar lill-Ombudsman għall-kapaċità tagħha li ttejjeb il-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi pprovduti liċ-ċittadini u għall-fatt li, minkejja l-isfond tal-pandemija, ma kien hemm l-ebda tnaqqis fix-xogħol ewlieni tagħha u l-ebda tfixkil fl-indirizzar tal-ilmenti;
6. Josserva li l-ħidma tal-Ombudsman wasslet għal bidliet pożittivi fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE;
7. Jenfasizza r-rwol essenzjali ta' trasparenza u ta' amministrazzjoni tajba fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE; jesprimi dispijaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ma pprovdietx spjegazzjonijiet adegwati għat-talbiet tal-Ombudsman dwar elementi ewlenin tal-ħidma tagħha matul il-kriżi tal-COVID-19; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara t-tehd ta' deċiżjonijiet tagħha dwar l-akkwist pubbliku ta' emerġenza, anki dwar il-proċeduri ta' ħatra tal-membri tal-kumitati varji, sabiex tiżgura t-trasparenza sħiħa tal-proċess;
8. Jinnota li l-Kummissjoni rrikonoxxiet in-natura kompetittiva tas-suq għall-vaċċini; jemmen li huwa fl-interess taċ-ċittadini Ewropej li jkun hemm ċarezza u trasparenza dwar il-Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem u l-Ftehimiet ta' Xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19, u li dan għandu jipprevali fuq it-talba tal-manifatturi biex jiġu introdotti klawnsoli ta' nuqqas ta' divulgazzjoni; jenfasizza li l-fiduċja bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet hija ta' importanza fundamentali, speċjalment fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19; iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli bl-inkjesti tagħha u titlob lill-Kummissjoni tippubblika verżjonijiet mhux b'partijiet mgħottija tal-Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem u l-Ftehim ta' Xiri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza sħiħa dwar id-dettalji kollha tar-riċerka fil-vaċċini tal-COVID-19, u l-iżvilupp, ix-xiri u d-distribuzzjoni tagħhom, billi tippubblika verżjonijiet mhux b'partijiet mgħottija tal-Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem u tal-Ftehim ta' Xiri u billi tagħmel id-divulgazzjoni tad-dettalji kollha fil-kuntratti futuri dwar il-vaċċini tal-COVID-19 kundizzjoni mill-qabel għal negozjati futuri mal-kumpanniji farmaċewtiċi; jenfasizza li kwalunkwe nuqqas ta' trasparenza fil-qafas tal-pandemija tal-COVID-19 huwa f'kunflitt mad-dritt taċ-ċittadini għall-informazzjoni u jqanqal diżinformazzjoni u nuqqas ta' fiduċja;

9. Jisħaq fuq l-importanza kbira li tiġi ggarantita l-implimentazzjoni sħiħa u konsistenti tal-proposti tal-Ombudsman magħmula wara l-inkjesta strateġika tagħha dwar it-tiġib tal-prattiki ta' trasparenza u l-ħidma ġenerali tal-ECDC, li r-rwol tiegħu huwa kruċjali fil-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ewlenija dwar il-vaċċini tal-COVID-19 u fit-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-istrateġija tal-UE dwar it-tilqim kontra l-COVID-19;
10. Jappoġġja lill-Ombudsman fil-ħidma tagħha biex tiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet demokratiċi tagħhom billi, fost l-oħrajn, jipparteċipaw direttament u jseguw fid-dettall il-proċess deċiżjonali fl-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll billi jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha kif stipulat ukoll mill-ġurisprudenza tal-QĠUE;
11. Jilqa' l-azzjoni tal-Ombudsman dwar it-talbiet lill-Kummissjoni biex tipprovdi aċċess pubbliku għad-dokumenti relatati mal-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza tal-Istati Membri, li jkunu ta' interess pubbliku sinifikanti, u jikkonċernaw ammont bla preċedent li se jiġi allokat taħt Next Generation EU; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni diġà għamlet disponibbli materjal estensiv dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jenfasizza li huma meħtieġa aktar trasparenza u sorveljanza msaħħa mill-awtoritajiet rilevanti f'dan ir-rigward, inkluża sorveljanza msaħħa mill-Ombudsman tal-proċeduri amministrattivi li jikkonċernaw il-fondi tal-UE; jistieden lill-Ombudsman tesplora, flimkien mal-membri tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen (ENO), azzjonijiet possibbli oħra fil-kompetenza tagħhom dwar is-sorveljanza tal-allokazzjoni u l-użu tal-fondi tal-UE, sabiex tippoteġi d-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni minn każijiet possibbli ta' kunflitti ta' interess u ta' korruzzjoni, kif ukoll ksur tal-istat tad-dritt, u b'hekk tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-integrità, it-trasparenza sħiħa u r-responsabbiltà demokratika tal-istituzzjonijiet tal-UE;
12. Jissottolinja li t-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv tirrappreżenta komponent ċentrali ta' kwalunkwe demokrazija rappreżentattiva; jiddispijaċih dwar il-fatt li l-prattiki attwali tal-Kunsill fir-rigward tal-proċess -deċiżjonali tiegħu għadhom imtappna minn nuqqas ta' trasparenza; jiddeplora l-fatt li l-Kunsill qed jippersisti biex iwaqqaf liċ-ċittadini milli jkollhom aċċess dirett u f'waqtu għad-dokumenti leġiżlattivi tiegħu, waqt li jkun għaddej il-proċess leġiżlattiv, bi ksur tad-dritt taċ-ċittadini li jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċess deċiżjonali;
13. Ifaħħar lill-Ombudsman għad-determinazzjoni tagħha fil-ksib tal-ogħla livell ta' trasparenza fil-proċess deċiżjonali tal-UE; ifakkar li fir-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2019 dwar l-inkjesta strateġika OI/2/2017 tal-Ombudsman dwar it-trasparenza tad-diskussjonijiet leġiżlattivi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill tal-UE², il-Parlament appoġġja l-proposti tal-Ombudsman dwar it-trasparenza leġiżlattiva; jisħaq fuq il-bżonn li tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman għat-trasparenza fit-trilogi; jistieden lill-Kunsill iżżid l-isforzi fil-qasam tat-trasparenza, b'mod partikolari billi jirreġistra u jippubblika l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri u billi jagħmel disponibbli aktar dokumenti tat-trilogu, sabiex jirrispetta d-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadini;
14. Jilqa' l-fatt li fil-kuntest tal-ħidma strateġika usa' fuq ir-risponstal-amministrazzjoni tal-UE matul il-kriżi tal-COVID-19, l-Ombudsman fetħet ukoll inkjesta fuq inizjattiva

² ĠU C 411, 27.11.2020, p. 149.

proprija dwar il-proċeduri deċiżjonali straordinarji stabbilitimill-Kunsill; iħeġġeġ lill-Kunsill isegwi s-suġġerimenti li ressqet l-Ombudsman għat-titjib tal-ħidma tiegħu;

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi f'każijiet fejn ġew identifikati oqsma kritiċi ta' tħassib jew l-ebda użu sikur, jew meta tkun meħtieġa data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom, minħabba l-konsegwenzi diġà serji li l-użu tal-pestiċidi jkun ikkawża għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent;
16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura proċess ta' approvazzjoni għal "sustanzi attivi" fil-pestiċidi, li jkun kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess; jinnota li l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej intitolata "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa" ġabret aktar minn miljun firma madwar l-UE u li din l-inizjattiva titlob it-tneħħija gradwali tal-pestiċidi sintetiċi fl-UE, miżuri għar-restawr tal-bijodiversità, u appoġġ għall-bdiewa biex iwettqu t-tranżizzjoni lejn agrikoltura sostenibbli; jitlob lill-Ombudsman tkompli tinvestiga s-sistemi stabbiliti fil-livell tal-UE biex tiżgura li l-politiki u s-salvagwardji proċedurali attwali f'dan il-qasam jiggarrantixxu l-ogħla livelli ta' saħħa tal-bniedem u ta' protezzjoni ambjentali, u li l-ġbir u l-eżami tal-evidenza xjentifika jkun kompletament trasparenti, preċiżi u ħielsa minn kunflitti ta' interess;
17. Ifakkar li f'Marzu 2020, l-Ombudsman għalqet l-inkjesta tagħha dwar kif il-Kummissjoni tiżgura li l-esperti xjentifiċi li jagħtuha parir ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-proċessi ta' valutazzjoni tagħha tal-indipendenza tal-esperti xjentifiċi li jagħtuha pariri, inkluż billi timplimenta bis-sħiħ is-suġġerimenti tal-Ombudsman wara l-investigazzjoni tagħha dwar din il-kwistjoni, filwaqt li tiżgura li l-esperti kkonċernati ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess;
18. Jinkoraġġixxi lill-Ombudsman tniedi inkjesta dwar l-approċċ strateġiku tal-Kummissjoni fit-trattament tal-petiżzjonijiet, peress li l-azzjoni tagħha, li hija limitata biss għal kwistjonijiet li tqis ta' importanza strateġika jew li jirriflettu problemi strutturali, u li għalhekk teskludi każijiet individwali, tista' taffettwa d-dritt taċ-ċittadini li jressqu petizzjoni u d-dritt għal amministrazzjoni tajba;
19. Jikkritika lill-Kummissjoni għan-nuqqas tagħha li tiffinalizza l-VIS qabel ma tikkonkludi n-negożjati kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur; ifakkar fil-pożizzjoni tal-Parlament li l-impatti ambjentali u soċjali tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles iridu jiġu vvalutati bir-reqqa qabel il-konklużjoni tan-negożjati kummerċjali;
20. Jikkritika d-deċiżjoni ta' dawk l-Istati Membri, li kellhom il-Prezidenza tal-Kunsill, li jużaw sponsorizzazzjoni korporattiva, peress li din toħloq riskji ta' reputazzjoni għall-immaġini tal-UE, filwaqt li jisħaq fuq l-importanza li fil-futur dawn iżommu lura minn kwalunkwe sponsorizzazzjoni; jikkunsidra bħala tal-akbar importanza l-adozzjoni tal-aktar regoli stretti li jipprevjenu milli jseħħu prattiki bħal dawn bil-għan li jiġu ssalvagwardjati r-reputazzjoni u l-integrità tal-Kunsill u tal-UE kollha kemm hi; jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jikkollaboraw mal-Ombudsman b'mod kompletament trasparenti;
21. Jilqa' l-ħidma tal-Ombudsman biex tipproteġi d-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jaċċessaw id-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE u tipprovdi liċ-ċittadini b'dokumenti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE; jilqa' l-inizjattiva tal-Ombudsman dwar il-proċedura

rapida relatata mal-aċċess għad-dokumenti ta' każijiet, bil-għan li jkun hemm deċiżjoni dwar id-dokumenti mitluba fi żmien 40 jum ta' xogħol; Jissottolinja li fl-2020 iż-żmien medju biex jiġu ttrattati l-ilmenti dwar l-aċċess pubbliku huwa terz ta' dak li kien qabel l-2018 meta ġiet introdotta din il-proċedura; jikkunsidra li huwa tal-akbar importanza li jiġu ggarantiti trasparenza sħiħa u aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE, sabiex jiġu żgurati l-ogħla livelli ta' protezzjoni tad-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadini u l-fiduċja tagħhom fl-istituzzjonijiet tal-UE; jemmen li r-rieżami tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001³ irid isir bħala kwistjoni ta' prijetà; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-aċċess għad-dokumenti hija obsoleta ħafna, u b'hekk tfixx ukoll l-attivitajiet tal-Ombudsman dwar din il-kwistjoni;

22. Japprova l-impenn ripetut tal-Ombudsman li tiġġieled il-każijiet ta' "revolving door", inkluż dak li jinvolvi l-EBA, li ppermetta li l-Awtorità tiġi pperswadita taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tagħha billi adottat politika ġdida għall-valutazzjoni tar-restrizzjonijiet u l-projbizzjonijiet ta' wara l-impjeg għall-persunal, kif ukoll proċeduri ġodda biex jiġi sospiż l-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali immedjatament għall-persunal li jkun qed jitlaq;
23. Jistieden lill-Ombudsman tkompli bix-xogħol tagħha biex tiġi żgurata l-pubblikazzjoni f'waqtha tal-ismijiet tal-uffiċjali kollha tal-UE involuti f'każijiet ta' "revolving door" u biex tiggarrantixxi t-trasparenza sħiħa fir-rigward tal-informazzjoni kollha relatata;
24. Jilqa' l-inkjesta mnedija mill-Ombudsman dwar kif il-BEI ttratta l-applikazzjoni ta' wara l-impjeg tal-eks Viċi President tiegħu biex jieħu pożizzjoni għolja fil-kumpanija Spanjola Iberdrola li kienet irċeviet ammont massiv f'self mill-BEI; jikkritika n-nuqqas tal-BEI li jieħu azzjoni fuq talba tal-Parlament biex fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI jiddaħħlu dispożizzjonijiet li jipprevjenu lill-Membri tagħhom milli jissorveljaw is-self u l-implimentazzjoni ta' proġetti fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom; jistieden lill-BEI jikkonforma bis-sħiħ u b'mod konsistenti mat-talba tal-Parlament u jsaħħa ir-regoli ta' integrità tiegħu u l-infurzar tagħhom għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess u dannu għar-reputazzjoni;
25. Jilqa' l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, inkluża l-inkjesta tagħha dwar kif l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) tittratta l-ksur tad-drittijiet fundamentali u l-estensjoni tal-mandat tagħha, it-trasparenza u l-effikaċja tal-mekkaniżmu tal-ilmenti u r-rwol u l-indipendenza tal-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Ombudsman tagħti segwitu għal dan billi teżamina l-azzjonijiet futuri tal-Kummissjoni u billi tinvestiga kif il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ stabbilit tagħha jikkontrolla l-effikaċja tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri li huma ffinanzjati mill-UE; jenfasizza l-importanza tal-investigazzjoni tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jirrispettaw id-drittijiet fundamentali fl-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri;
26. Jitlob lill-Kummissjoni tikkonforma bis-sħiħ u fil-ħin mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman magħmula wara l-investigazzjoni tagħha dwar il-każ ta' BlackRock billi tadotta regoli msaħħa u aktar ċari, inkluż fil-qafas tal-linji gwida interni tagħha, li

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokument tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

għandhom l-għan li jipprevjenu kwalunkwe kunflitt ta' interess fil-proċeduri kollha relatati mal-akkwist pubbliku bil-ħsieb, fost l-oħrajn, li tiġi ssalvagwardjata l-integrità tal-proċessi deċiżjonali dwar l-adozzjoni ta' regoli ġodda dwar kwistjonijiet tal-ESG fil-livell tal-UE;

27. Jappoġġja l-attivitajiet tal-Ombudsman li għandhom l-għan li jiggarantixxu l-implimentazzjoni sħiħa u konsistenti tal-UNCRRPD mill-amministrazzjoni tal-UE, inkluża l-lista tal-aħjar Prattiki Stabbilita biex tippromwovi approċċ konsistenti madwar l-amministrazzjoni tal-UE fl-issodisfar tal-ħtiġijiet speċjali tal-membri tal-persunal b'diżabilità fil-kuntest tal-emerġenza tal-COVID-19; jilqa' l-inkjesti tal-Ombudsman b'segwitu għal ilmenti minn persuni b'diżabilità, u jinkoraġġixxiha fil-ħidma tagħha bħala parteċipant attiv fil-Qafas tal-UE għall-UNCRRPD; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Ombudsman ippresediet il-Qafas tal-UE għall-UNCRRPD fl-2020;
28. Jilqa' l-kontinwazzjoni tal-Premju għal Amministrazzjoni Tajba, li għandu l-għan li jirrikonoxxi azzjonijiet mis-servizz pubbliku tal-UE li għandhom impatt pożittiv fuq il-ħajja taċ-ċittadini Ewropej; huwa tal-fehma li l-premju għandu jiġi ppubbliċizzat aħjar biex juri liċ-ċittadini Ewropej li l-istituzzjonijiet l-UE qed jieħdu azzjonijiet konkreti;
29. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tinvestiga l-użu tal-Fondi SIE, li ġew allokati għall-bini ta' faċilitajiet ta' kura istituzzjonali għall-persuni b'diżabilità fl-Ungerija u l-Portugall;
30. Jenfasizza li l-Fondi SIE ġew allokati għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità sabiex jgħixu b'mod indipendenti u jiġu inklużi fil-komunità; jenfasizza li huwa essenzjali li jiġu mmonitorjati l-fondi allokati tal-UE, li għandhom jintużaw biex jappoġġjaw id-deistituzzjonalizzazzjoni fl-Istati Membri;
31. Jinnota li kien hemm żieda żgħira fl-għadd ta' lmenti indirizzati lill-Ombudsman matul dawn l-aħħar snin, li turi li aktar ċittadini issa huma konxji mill-eżistenza tal-istituzzjoni u x-xogħol utli ħafna li tagħmel biex tiddefendi l-interessi pubbliċi;
32. Jenfasizza li l-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, inkluż l-għoti ta' attenzjoni partikolari lill-iżgurar tal-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-proġetti, għandhom jiġu rispettati;
33. Jilqa' l-fatt li fl-2020, it-tul medju tal-inkjesti ta' każijiet magħluqa mill-Ombudsman kien ta' ħames xhur, li jikkostitwixxi titjib meta mqabbel mas-sena preċedenti fejn kien ta' seba' xhur;
34. Jinnota b'sodisfazzjon li 57 % tal-każijiet ingħalqu fl-2020 f'inqas minn tliet xhur, u li l-każijiet li jieħdu sa 18-il xahar biex jiġu solvuti rrappreżentaw biss 1 %, meta mqabbla ma' 10 % fis-sena preċedenti u 27 % fl-2013; japprezza, għalhekk, l-isforzi biex jissolvew il-kwistjonijiet imqajma miċ-ċittadini u jistieden lill-istituzzjonijiet ikkonċernati kollha jwieġbu għat-talbiet mill-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew fil-ħin;
35. Jinnota li l-għadd ta' lmenti li jmorru lil hinn mill-mandat tal-Ombudsman Ewropew baqa' relattivament stabbli matul is-snin (1 420 każ fl-2020, 1 330 każ fl-2019; u 1 300 każ fl-2018); jinnota li, skont ir-rapport tal-2020, il-biċċa l-kbira ta' dawn l-ilmenti ma jikkonċernawx l-amministrazzjoni tal-UE; jilqa' l-isforzi tal-Uffiċċju biex jinforma aħjar

liċ-ċittadini dwar il-mandat tal-Ombudsman; jirrimarka fl-istess ħin dwar il-ħtieġa li jittejbu l-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-diversi forom ta' lmenti li ċ-ċittadini jistgħu jressqu fil-livell nazzjonali u Ewropew; jenfasizza r-rwol li l-Parlament u l-Membri tiegħu għandu jkollhom ukoll f'dan ir-rigward;

36. Jinnota li r-rata ta' aċċettazzjoni tal-proposti tal-Ombudsman mill-istituzzjonijiet tal-UE kienet ta' 79 % fl-2020, li tirrappreżenta titjib żgħir mis-sena preċedenti; jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni jeħtiġilhom jikkonformaw bis-sħiħ u b'mod konsistenti mas-soluzzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti tal-Ombudsman;
37. Jenfasizza l-importanza tal-ENO u tal-laqgħat annwali ospitati flimkien mal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali permezz tal-ENO biex titqajjem aktar kuxjenza dwar x'jista' jagħmel l-Uffiċċju tal-Ombudsman għaċ-ċittadini Ewropej; jilqa' l-azzjonijiet tal-Ombudsman matul il-pandemija biex iżżomm kuntatt regolari mal-kollegi nazzjonali tagħha u biex torganizza u tospita webinars matul l-2020 dwar suġġetti bħall-implikazzjonijiet tal-pandemija, il-promozzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fir-rispons għall-kriżijiet, u dwar l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali; jirrikonoxxi l-kontribut importanti mogħti mill-ENO fl-għoti ta' informazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-membri tiegħu u dwar l-implimentazzjoni xierqa tad-dritt Ewropew; jistieden lil dan in-network jikkunsidra r-rwol li jista' jkollhom l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali biex iċ-ċittadini tal-UE jiġu involuti aktar fil-proċess deċiżjonali tal-UE; jinkoraġġixxi aktar kooperazzjoni bejn il-membri ta' ENO, inkluż fil-qasam tal-promozzjoni ta' inkjesti paralleli futuri;
38. Ifaħħar lill-Ombudsman għall-attivitajiet tagħha fuq pjattaformi diġitali, li jżidu s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-UE dwar il-ħidma tagħha; jinnota li l-pjattaforma li kibret bl-aktar rata mgħaġġla fl-2020 kienet Instagram, fejn l-udjenza kibret b'71 % matul is-sena (1 068 segwaċi ġodda); fuq LinkedIn, l-għadd ta' segwaċi żdied b'34 % (+ 1 237), filwaqt li fuq Twitter, fejn l-Ombudsman għandu l-akbar udjenza, l-għadd ta' segwaċi laħaq 29 200 f'Diċembru 2020, li jirrappreżenta żieda ta' 11 % (żieda ta' 2 870);
39. Jifraħ lill-Ombudsman fil-25 anniversarju tal-istabbiliment tal-kariga, filwaqt li jissottolinja li, mill-1995, l-Uffiċċju tratta aktar minn 57 000 ilment u wettaq aktar minn 7 300 inkjesta, li kkontribwixxa ħafna għat-titjib tal-istandards etiċi u tal-obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet tal-UE f'firxa wiesgħa ta' oqsma; japprova l-istrateġija tal-Ombudsman "Lejn l-2024" li għandha l-għan li żżid l-impatt, il-viżibbiltà u r-rilevanza tal-Uffiċċju tal-Ombudsman, filwaqt li tistabbilixxi l-oġettivi u l-prijoritajiet tagħha għat-terminu attwali, li jinkludi s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar il-ħidma tal-Ombudsman;
40. Jilqa' l-adozzjoni tal-Istatut il-ġdid tal-Ombudsman, li d-dispożizzjonijiet tiegħu jiċċaraw ir-rwol tal-Ombudsman u jżidu aktar kompetenzi dwar l-oqsma relatati mal-iżvelar ta' informazzjoni protetta, il-fastidju u l-kunflitti ta' interess fl-istituzzjonijiet, l-organi u l-aġenziji tal-UE; jikkunsidra li huwa tal-akbar importanza li jiġi allokat baġit miżjud lill-Ombudsman, sabiex din tiġi pprovduta bir-riżorsi meħtieġa biex timmaniġġja b'mod effettiv l-ammont ta' xogħol ġenerali tagħha;
41. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet prattiċi tal-Ombudsman għall-amministrazzjoni tal-UE

dwar l-użu ta' 24 lingwa uffiċjali meta tikkomunika mal-pubbliku; jenfasizza li dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma essenzjali għall-protezzjoni tad-diversità lingwistika rikka tal-Ewropa; ifakkar li l-ugwaljanza tal-lingwi għandha tiġi żgurata aħjar mill-istituzzjonijiet tal-UE; josserva li s-siti web tal-istituzzjonijiet tal-UE għandhom juru aħjar l-ugwaljanza tal-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE u jiddispjaċih għall-fatt li ħafna partijiet mis-siti web tal-istituzzjonijiet tal-UE għadhom disponibbli biss f'xi lingwi;

42. Jilqa' l-isforzi tal-Ombudsman biex ittejjeb il-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess deċiżjonali tal-UE;
43. Jilqa' l-verżjoni l-ġdida tas-sit web tal-Ombudsman, li hija aktar dinamika u aktar faċli biex tintuża miċ-ċittadini Ewropej; iħeġġeġ lill-Ombudsman tittraduċi aktar pubblikazzjonijiet tagħha fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;
44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-ombudsmen tagħhom u lill-korpi kompetenti ekwivalenti.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2020 ġie ppreżentat formalment lill-President tal-Parlament Ewropew fis-6 ta' Settembru 2021, u l-Ombudsman, Emily O'Reilly, ippreżentat ir-rapport lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fl-14 ta' Lulju 2021.

Il-mandat tal-Ombudsman huwa stabbilit fl-Artikolu 24 u 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 24 tat-TFUE, kif ukoll l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, jistabbilixxu d-dritt li jitressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew.

Skont l-Artikolu 228 tat-TFUE, l-Ombudsman Ewropew, elett mill-Parlament Ewropew, għandu s-setgħa li jirċievi lmenti minn kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju tagħha rreġistrat fi Stat Membru, fir-rigward ta' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tat-TFUE huma wkoll relatati b'mod qawwi mal-ħidma tal-Ombudsman peress li jistabbilixxu li sabiex tiġi promossa governanza tajba u tiġi żgurata l-parteciċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom iwettqu l-ħidma tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ. Barra minn hekk, jipprevedi wkoll li l-Parlament Ewropew għandu jiltaqa' fil-pubbliku, kif ukoll il-Kunsill meta jikkunsidra u jivvota fuq abbozz ta' att leġiżlattiv u li kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni, u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru, jeħtiġilhom ikollhom dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni.

Pedamenti addizzjonali, b'mod partikolari marbuta mar-rwol tal-Ombudsman, huma l-Artikolu 298(1) tat-TFUE, li jistabbilixxi li "fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti", u l-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fejn huwa ssottolinjat li "kull persuna għandha d-dritt li l-affarijiet tagħha jiġu ttrattati b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni".

Fl-2020, 20 302 ċittadin talbu lis-servizzi tal-Ombudsman jgħinuhom, li minnhom 16 892 ingħataw parir permezz tal-Gwida Interattiva li tinsab fis-sit web tal-Ombudsman, filwaqt li l-1 262 talba l-oħra għal informazzjoni ġew imwiegħa mis-servizzi tal-Ombudsman u 2 148 ġew trattati mill-Ombudsman bħala lmenti.

Mill-għadd totali ta' 2 148 ilment ipproċessat mill-Ombudsman fl-2020, 728 kienu jaqgħu fil-mandat tal-Ombudsman u 1 420 kienu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-Ombudsman.

Fl-2020, l-Ombudsman fetħet 370 inkjesta, li minnhom 365 kienu bbażati fuq ilmenti u 5 kienu inkjesti fuq inizjattiva proprja, filwaqt li għalqet 394 inkjesta (392 ibbażati fuq ilmenti

u 2 fuq inizjattiva proprja).

Ħafna mill-inkjesti kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni (210 inkjesta jew 56.8 %), segwita mill-aġenziji tal-UE (34 inkjesta jew 9.2 %), l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) (30 inkjesta jew 8.1 %), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (14-il inkjesta jew 3.8 %), l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (12-il inkjesta jew 3.2 %), il-Parlament (11-il inkjesta jew 3 %), il-Bank Ċentrali Ewropew (9 inkjesta jew 2.4 %), il-Bank Ewropew tal-Investment (9 inkjesta jew 2.4 %), u istituzzjonijiet oħra (41 inkjesta jew 11.1 %).

It-tliet punti ta' tħassib ewlenin tal-Ombudsman fl-inkjesti magħluqa fl-2020 kienu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont (l-aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti) (25 %), il-kultura tas-servizz (24 %) u l-użu xieraq tad-diskrezzjoni (inkluż fil-proċeduri ta' ksur) (17 %). Tħassib ieħor jinkludi kwistjonijiet etiċi, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-ġestjoni finanzjarja tajba, l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, ir-rispett għad-drittijiet proċedurali, ir-reklutaġġ u l-ġestjoni tajba tal-kwistjonijiet tal-persunal tal-UE.

Is-sena 2020 tirrappreżenta wkoll il-25 anniversarju tal-Ombudsman Ewropew. Ir-Rapporteur tixtieq tifraħ lill-Ombudsman peress li, mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1995, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikkontribwixxa ħafna biex jittejjeb l-istandard etiku u ta' obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet tal-UE f'firxa wiesgħa ta' oqsma. Ir-Rapporteur tapprova l-istrateġija tal-Ombudsman "Lejn l-2024" li għandha l-għan li żżid l-impatt tal-ħidma tal-Uffiċċju tal-Ombudsman u tilqa' l-adozzjoni tal-Istatut il-ġdid tal-Ombudsman Ewropew, li d-dispożizzjonijiet tiegħu jsaħħu r-rwol tal-Ombudsman u jżidu aktar kompetenzi. Ir-Rapporteur tikkunsidra li huwa essenzjali li l-Ombudsman tingħata baġit miżjud sabiex tiġi pprovduta bir-riżorsi meħtieġa ħalli timmaniġġja b'mod effettiv l-ammont ta' xogħol ġenerali.

Ir-Rapporteur tapprezza l-ħidma konsiderevoli mwettqa mill-Ombudsman fl-2020, sena mmarkata mill-konsegwenzi traġiċi li rriżultaw mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19. Ir-Rapporteur tfaħħar l-isforzi bla heda tal-Ombudsman li għandhom l-għan li jsaħħu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-integrità tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini. Ir-Rapporteur tilqa' l-fatt li l-Ombudsman fakkret li huwa preċiżament fi żminijiet ta' sfida li l-oġhla standards ta' amministrazzjoni tajba huma meħtieġa biex iserrħu ras il-pubbliku li l-miżuri meħuda huma dawk korretti u se jiġu implimentati kif xieraq.

Ir-Rapporteur tinsab imħassba ħafna minflok li r-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku mhumiex robusti u ċari biżżejjed biex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess, kif deskritt mill-Ombudsman fil-ħidma tagħha.

Dan huwa partikolarment inkwetanti peress li l-UE ppjanat perjodu ta' livelli bla preċedent ta' nfiq u investment fl-ambitu tan-Next Generation EU, li se joħloq ukoll rabtiet sostanzjali mas-settur privat. Ir-Rapporteur tisħaq li trasparenza sħiħa u l-adozzjoni tal-aktar regoli etiċi b'saħħithom bħala elementi sottostanti għad-deċiżjonijiet kollha adottati huma, għalhekk, saħansitra aktar importanti sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess u każijiet ta' korruzzjoni fil-futur.

Ir-Rapporteur tikkritika lill-Kummissjoni li naqset milli tipprovdi kjarifiki adegwati dwar elementi ewlenin tal-ħidma tagħha matul il-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha relatati mal-akkwist pubbliku ta' emerġenza, u rrifjutat ukoll li

tiżgura trasparenza sħiħa dwar id-dettalji kollha tar-riċerka, l-iżvilupp, ix-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċini tal-COVID-19 inklużi fil-Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem u fil-Ftehimiet ta' Xiri ffirmati ma' kumpaniji farmaċewtiċi.

Hija tikkunsidra wkoll inaċċettabbli li l-proċess deċiżjonali tal-Kunsill għadu affettwat minn nuqqas serju ta' trasparenza u li għadu qed jippersisti fil-prevenzjoni taċ-ċittadini milli jkollhom aċċess dirett u f'waqtu għad-dokumenti leġiżlattivi tiegħu waqt li jkun għaddej il-proċess leġiżlattiv.

Ir-Rapporteur tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja stipulat li l-prinċipji ta' pubbliċità u trasparenza huma inerenti għall-proċess leġiżlattiv tal-UE u li n-nuqqas ta' trasparenza u informazzjoni jdgħajjef il-fiduċja taċ-ċittadini fil-leġittimità tal-proċess leġiżlattiv tal-UE b'mod ġenerali. Ir-Rapporteur tissottolinja li trasparenza sħiħa fil-fażijiet kollha tal-proċess leġiżlattiv tal-UE hija kruċjali biex jitħarsu d-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadini, li tippermettilhom iżommu lir-rappreżentanti u lill-gvernijiet eletti tagħhom responsabbli.

Ir-Rapporteur tilqa' l-fatt li għadd rilevanti ta' investigazzjonijiet tal-Ombudsman fl-2020 irriżultaw fl-għoti ta' aċċess għal dokumenti ta' interess pubbliku usa' minkejja li l-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE hija ferm obsoleta u xxekkel l-attivitajiet tal-Ombudsman dwar din il-kwistjoni. Ir-Rapporteur temmen li jridu jiġu żgurati trasparenza sħiħa u aċċess pubbliku sħiħ għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE u li rieżami tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 irid isir mingħajr aktar dewmien.

Ir-Rapporteur tilqa' l-impenn ripetut tal-Ombudsman biex tiġġieled il-każijiet ta' "revolving doors".

Hija tixtieq ukoll tfaħħar lill-Ombudsman għall-ħidma tagħha li saret fil-qafas ta' diversi inkjesti importanti relatati mat-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ambjentali, bħal dawk dwar il-prattiki tal-Kummissjoni għall-approvazzjoni ta' "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi u dwar il-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur.

Is-sejbiet tal-Ombudsman isaħħu l-perspettiva tar-Rapporteur.

Skont ir-Rapporteur, dwar is-"sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi, il-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura proċess ta' valutazzjoni u ta' approvazzjoni kompletament trasparenti u ħieles mill-kunflitti ta' interess u jeħtiġilha toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi f'każ li jkunu ġew identifikati oqsma kritiċi ta' tħassib jew ma jkun ġie identifikat l-ebda użu sikur jew meta tkun meħtieġa data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom, minħabba l-konsegwenzi diġà serji li l-użu tal-pestiċidi pprovoka fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur temmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha timpenja ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sa mhux aktar tard mill-2035, kif ukoll li tipprojbixxi minnufih l-esportazzjoni ta' pestiċidi li ġew ipprojbiti fl-UE u twaqqaf l-importazzjoni ta' oġġetti tal-ikel prodotti barra mill-UE li jagħmlu użu minn tali sustanzi kimiċi mhux sikuri.

Fir-rigward tal-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur, l-amministrazzjoni ħażina tal-Kummissjoni li tirriżulta min-nuqqas tagħha li tiffinalizza "valutazzjoni tal-impatt għas-sostenibilità" (VIS) qabel ma tikkonkludi n-negożjati relatati mal-ftehim kummerċjali, bi ksur tal-linji gwida tagħha stess dwar l-użu tal-VIS u tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE, tikkonferma l-fatt li l-proċess kollu tan-negożjati kien imdgħajjef b'mod irreparabbli min-nuqqas ta' informazzjoni xierqa u aġġornata dwar l-impatti soċjali, ambjentali u ekonomiċi potenzjali.

Skont ir-Rapporteur, dan l-aspett jikkostitwixxi raġuni addizzjonali biex titwaqqaf l-adozzjoni tal-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	2.12.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 10 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Marc Angel, Margrete Auken, Jordan Bardella, Alexander Bernhuber, Markus Buchheit, Ryszard Czarnecki, Rosa D'Amato, Francesca Donato, Eleonora Evi, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Mario Furore, Gianna Gancia, Ibán García Del Blanco, Vlad Gheorghe, Peter Jahr, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Cristina Maestre Martín De Almagro, Dolors Montserrat, Ulrike Müller, Sira Rego, Frédérique Ries, Monica Semedo, Massimiliano Smeriglio, Yana Toom, Tatjana Ždanoka, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Angel Dzhambazki, Demetris Papadakis, Anne-Sophie Pelletier

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

23	+
ID	Jordan Bardella, Markus Buchheit, Gianna Gancia
NI	Francesca Donato, Mario Furore
Renew	Vlad Gheorghe, Ulrike Müller, Frédérique Ries, Monica Semedo, Yana Toom
S&D	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Marc Angel, Ibán García Del Blanco, Cristina Maestre Martín De Almagro, Demetris Papadakis, Massimiliano Smeriglio
The Left	Anne-Sophie Pelletier, Sira Rego
Verts/ALE	Margrete Auken, Rosa D'Amato, Eleonora Evi, Tatjana Ždanoka

10	-
ECR	Ryszard Czarnecki, Angel Dzhambazki, Kosma Złotowski
PPE	Asim Ademov, Alexander Bernhuber, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Peter Jahr, Radan Kanev, Dolors Montserrat

1	0
PPE	Stelios Kypouropoulos

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni